



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10692/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0189 (NLE)

AELE 45
EEE 29
N 68
ISL 24
FL 24
MI 556
BUDGET 19
POLARM 5
POLMIL 116
RECH 344

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, anness mal-Ftehim ŻEE (II-Fond Ewropew għad-Difiża)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2021/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31
dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet,
anness mal-Ftehim ŻEE
(Il-Fond Ewropew għad-Difiża)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 182(4), l-Artikolu 183 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 188, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹ u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹ ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, il-Protokoll 31 dwar kooperazzjoni floqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet ("Protokoll 31") anness mal-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

² Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi il-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Protokoll 31 dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet, anness għall-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE¹.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 10693/21 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.